MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Numru 135/1992

IL-PULIZIJA
(SPETTUR PAUL VASSALLO)

VS

PATRICK GALEA

Kumpilazzjoni numru135/92

Illum 07 ta' Mejju 2003.

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-imputat u dan talli fis-27 ta' Lulju 1991 waqt li kien f'The Strand, Gzira:

1. Flimkien ma' persuni ohra, attakka lil Romolo Pinato u lill Guliano Tenenti u wara li ta diversi daqqiet fuq il-persuna taghhom ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Romolo Pinato, kif ukoll talli fl-istess

data, lok u hin ikkaguna hsara volontarja fil-gizirana tad-deheb tal-imsemmi Romolo Pinato, liema hsara teccedi l-LM50 izda anqas minn LM500.

2. Kiser il-paci pubblika b'ghajjat u bi glied u uza forza attiva fuq il-persuna tal-imsemmi Romolo Pinato u Guliano Tenenti.

3. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 7 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-istess akkuzat.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-akkuzat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-prosekuzzjoni, in sostenn tal-akkuzi fil-konfront tal-akkuzat, ipprovdiet is-segwenti provi:

<u>a) NORMAN ZAMMIT</u> (fol 8 et seq ibid) spjega li fid-data tal-incident in ezami kien mar fil-Pixxina Nazzjonali ghall-habta tat-8.00 pm u dan bhala sewwieq ta' "taxi" u minn hemmhekk kien ghabba zewg 'referees' ta' nazzjonalita taljana sabiex johodhom fil-lukanda taghhom fix-xatt ta' tas-Sliema jew tal-Gzira. Meta wasal fl-Imsida, bl-imsemmija passiggiera, kien innota li minn karozza sewda kien hiereg ghajjat. Difatti hu nnota li fl-istess karozza kien hemm persuna li kient qed thares fid-direzzjoni taz-

zewg ‘referees’, oltre li tghajjat b’rabja. In oltre, go fiha kien hemm ragel, is-sewwieq, akkumpanjat minn zewg nisa. Wara li saq xi ftit ta’ distanza, hu kien rega nnota l-istess karozza sewda li “.. .. ghafsitni xi ftit fuq in-naha” u minhabba din il-manuvra, kif ukoll it-traffiku li kien hemm, ma setax ikompli jsuq ’l hemm. Mill-istess karozza hareg ragel li kien qed jghajjat waqt li f’idu kellu pala tal-konkos “li permezz taghha jitpogga l-konkos mal-art”. Hawnhekk l-istess ragel beda jolqot il-hgiega fuq in-naha tal-passiggier fuq quddiem fejn kien hemm wiehed mir-‘referees’ bil-qeghda, liema hgieg pero, ma nkisirx. Fix-xhieda tieghu hu kompla jghid li l-istess ragel qal il-kliem “issa naghtik bil-pala”. Hawnhekk kemm ir-ragel, kemm ir-‘referee’ gew fl-idejn. Inoltre wara li r-ragel involut kien telaq ‘l hemm, hu kien ra lill-istess ‘referee’ jfittex go sprall fil-vicin sabiex jsib <u>parti minn katina</u> li kien liebes u li, pero, ma nstabitx. In rigward l-istess xhud hu ma setax jara, fl-awla tal-Qorti, lir-ragel li kien involut f’dan l-incident.

<u>b) ROMOLO PINATO,</u> wiehed mir-‘referees’, xehed (fol 35 u 40 et seq ibid) li kien f’Malta bhala arbitru f’loghbiet tal-‘waterpolo’ u difatti kien ghadu kemm kien ir-‘referee’ f’loghba bejn Ballutta u skwadra ohra, u wara li l-istess loghba kienet spiccat hu u l-kollega tieghu Guiliano Tenenti (li ma xehedx f’dawn il-proceduri) kienu qeghdin jirritornaw lejn il-lukanda taghhom fil-Gzira. Fit-tragitt, ix-xhud sema li kien hiereg tghajjir minn karozza b’mod irrabjat. Susseg-wentement, il-karozza li kienu fiha, kemm ix-xhud kemm il-kollega tieghu, kienet kostretta li tieqaf, in vista li “ ... bl-istess karozza resqu maghna u ghalqulna t-triq”. Mill-istess karozza nizel ragel <u>b’pala f’idejh</u> u b’dinipprova jolqot lill-kollega tieghu li kien bil-qeghda fuq quddiem. Inoltre l-istess ragel ipprova wkoll jolqot lix-xhud f’ghonqu, dejjem bl-istess pala. Ghalhekk ix-xhud ipprova li jiehu din il-pala minn idejn ir-ragel izda, bhala konsegwenza ta’ dan hu kien garrab griehi f’idejh. Hawnhekk jidher li l-istess ragel laqat wkoll lix-xhud bil-<u>bastun</u> tal-pala in kwistjoni fuq ix-xellug ta’ ras dan kif ukoll fuq idu x-xellugija. Ix-xhud spjega, ulterjorment, li fl-istess incident ippartecipat, ukoll, mara li kienet mar-ragel indikat. Din kienet gibdet il-gizirana li kien liebes. Sussegwentement fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija hu

kien identifika lir-ragel u mara nvoluti f'dan il-kaz. Inolte, waqt dawn il-proceduri, ix-xhud testwalment qal "jidhirli li r-ragel involut ... .. hu l-imputat li qed nara presenti fl-Awla". Sussegwentement, fl-istess Awla, wara li l-akkuzat kien nehha n-nuccali tax-xemx li kien liebes, l-istess 'parti lesa' gharaf lill-akkuzat bhala l-persuna nvoluta fl-istess incident (ara wkoll ix-xhieda tal-Ispettur Antoine Casha a fol 26 et seq ibid).

c) It-tabib BRIAN FLORES MARTIN (fol 24 u 25 ibid) kien ezamina lill-istess Romolo Pinato u sab li dan kien garrab feriti ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat xehed (fol 209 et seq ibid tal-atti) illi waqt li kien qed jikkonferma 'kwazi kollox' fl-istqarrija bil-miktub rilaxxata minnu (fol 18 ibid), hu qal li l-pala imsemmija kienet "f'idejn il-malti", liema 'malti' pero ma kienx jaf min kien. L-akkuzat, fil-fatt zied jghid, fix-xhieda tieghu, li fil-post in kwistjoni kien hemm glieda "u jien dhalt fin-nofs ghax kien hemm jien u l-mara nvoluti" u "b'hafna nies jimbuttaw". In oltre hu cahad li ".. .. gejt vicin it-taljan".

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuzi in ezami ghandu jinghad minnufih li:

1) Meta gara l-incident in ezami, kif jidher mill-istqarrija msemmija, l-akkuzat kien Surgent tal-Pulizija. Dan fl-ebda hin ma gie michud mill-akkuzat.

2) In rigward l-incident in ezami, mill-ezami tal-provi kif sintetizzati, jidher evidenti li d-dinamika tal-incident kienet kif xehedu Norman Zammit u Romolo Pinato. Jidher car fil-fatt, li l-akkuzat aggredixxa, b'pala f'idu, lil Romolo Pinato u kkagunalu feriti ta' natura hafifa. Dan l-incident jidher li hu konness direttament mal-loghba ta' 'waterpolo' hawn fuq imsemmija. Dwar l-istess incident ma hemmx dubbju li l-akkuzat ippartecipa attivament fih mill-bidu sal-ahhar u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dak kollu li gara fih, anke in rigward hsara volontarja kagunata fil-gizirana appartenenti lill-'parti lesa'.

Ikkunsdirat

Illi ghalhekk l-akkuzat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fis-27 ta’ Lulju 1991 waqt li kien f’The Strand, Gzira:

1. Flimkien ma’ persuni ohra, attakka lil Romolo Pinato u lill Guliano Tenenti u wara li ta diversi daqqiet fuq il-persuna taghhom ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Romolo Pinato, kif ukoll talli fl-istess data, lok u hin ikkaguna hsara volontarja fil-gizirana tad-deheb tal-imsemmi Romolo Pinato, liema hsara teccedi l-LM50 izda anqas minn LM500.

2. Kiser il-paci pubblika b’ghajjat u bi glied u uza forza attiva fuq il-persuna tal-imsemmi Romolo Pinato u Guliano Tenenti.

3. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta’ reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat l-artikoli 221 (1), 325 (b), 339 (dd) u 141 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward piena, jidher mill-atti, li l-akkuzat kellu fedina penali kwazi netta u nadifa ghall kollox (fol 5 ibid), u li hu kien qed ibati minn problemi ta’ natura mentali u fil-fatt ma ghadux membru tal-Korp tal-Pulizija (ara fol 184 ibid). Ghalhekk f’dan il-kaz ma hux opportun li hu jinghata piena karcerarja skond l-artikoli citati. Difatti jidher li minhabba l-premess, ghandha tigi mitigata l-istess piena skond l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In oltre sabiex jkun hemm trattament ugwali skond is-sentenza esebita mill-akkuzat stess (fol 134 ibid) u moghtija fil-konfront ta’ martu, f’dan il-kaz ghandha tigi mposta piena pekunjarja u ugwali ghal dik moghtija lill-istess martu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tikkundanna lill-akkzuat ghall-piena ta’ Lm400 (erba’mitt lira maltin) multa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------